MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 485/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

Mabrouk Mourad

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Mabrouk Mourad ta' 24 sena iben Salem u Mensora xebba Benathem imwieled Tunezija u joqghod Gzira ta' karta ta' identita' 24792(A) u numru ta' passaport M 557659, akkuzat,

Talli fis-19 ta' Gunju, 2004 ghall-habta tas-2:30 p.m. waqt li kien fi Triq l-Akwedott, f'Birkirkira;

1. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lil privat li jarresta

lill-hati, arresta, jew zamm jew issekwestra lil Karen Ciantar ID 54279(M) kontra l-volonta' taghha.

2. u aktar talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi strument li jaqta' jew bil-ponta (sikkina).

3. U aktar talli kellu l-imsemmija arma bil-ponta fil-pussess jew taht kontroll tieghu minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

4. U aktar talli qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha.

5. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, f'Birkirkara u f'dawn il-gzejjer, saq vettura bil-mutur (ghamla Opel Corsa) bin-numru tar-registrazzjoni LDK-834, meta ma kienx licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex issuq vettura bil-mutur, b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta jew garanzija tar-riskji ghal terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli Mabrouk Mourad ben Salem b'hekk ser jitqies recediv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrat li saru definittiv fit-22 ta' April, 2003 u fis-6 ta' Frar, 2004.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet ix-xhieda inkluz l-imputat bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuzi migjuba kontra l-imputat, ghal dawk li huma reati, jipotizzaw r-reat ta' sekwestru ta' persuna, li saq vettura meta ma kienx licenzjat u b'kopertura ta' assikurazzjoni, li garr strument li jaqta u bil-ponta u b'recedivita'. Hu wkoll akkuzat b'offizi kontravenzjonali li jimpurtaw it-theddid b'sikkina u li qal u kliem oxxen konsistenti f'dagha.

Bhala fatti jirrisultaw illi graw fid-19 ta' Gunju, 2004 ghal habta tas-2:30 ta' wara nofs in-nhar fil-hin meta l-kwerelanta, osija Karen Ciantar, telqet mix-xoghol u marret biex tidhol fil-vettura taghha, meta fil-hin gie l-imputat li l-ewwel aggrediha verbalment u imbaghad hatafha u dahalha fil-vettura tieghu. Dan kollu sehh fl-arja tal-parkegg biswit il-Bank of Valletta li tinsab fil-bidu ta' Triq l-Akwedott f'Birkirkara.

Issa mill-provi li resqet il-prosekuzzjoni ghandu jirrisulta minghajr ombra dettata mir-raguni li l-akkuzi kollha dedotti jirrisultaw pruvati kontra l-imputat hlief ghal dik kontravenzjonali a bazi tal-Artikolu 342 tal-Kap 9. M'ghandux ikun hemm dubju li l-arrest illegali kien wiehed effetiv, kemm minhabba li l-parti offiza ddahlet fil-vettura bil-forza u kemm minhabba li tnehitilha kull xelta libera li tohrog mill-istess vettura. Fir-rigward l-akkuzi l-ohra l-prova dwarhom hija wahda skjetta li wkoll ma thalli ebda dubbju ta' reita'.

Ikkunsidrata l-piena, fid-dawl tas-sentenzi esebiti in atti, l-Qorti tosserva illi l-imputat kien gja allura nstab hati, kemm li saq vettura minghajr ma kellu licenzja, u li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Jidher ghalhekk li l-imputat wera' ruhu non-kuranti tal-obbligi imposti mill-ligijiet tal-pajjiz u piena ta' prigunerija hija f'dan il-kaz "obbligatorja".

Ghaldaqstant u fil-waqt li qeghdha ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, hlief ghal akkuza inumerata numru erba' (4), rat l-Artikolu 86, 339(b), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3(1)(2)(c) tal-Kap 104 u tikkundannah komplessivament sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas dak li l-imputat gja ghamel taht arrest preventiv.

Tordna l-konfiska tas-sikkina.

Tordna wkoll l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien sena li tibda tiddekorri appena jiskonta l-perjodu ta' prigunerija hawn imposta fuqu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------